MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 2620/2000/1

Kawza fil-lista: 41

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fl-4 ta' Settembru 1985 (Doc A) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal D li ghandha hdax (11) –il sena u E li ghandha sebgha (7) snin.

Peress illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja lejn l-esponent ta’ adulterju, eccessi u ingurja gravi oltre li abbandunat id-dar matrimonjali.

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti issa tkisser irrimedjabilment b’mod li l-hajja konjugali m’ghadhiex aktar possibli.

Peress illi in forza ta’ kuntratt datat 10 ta’ Awissu 2000 konservat fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri l-kontendenti xoljew il-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom u addottaw ir-regim tas-separazzjoni tal-beni u dan wara li ottjenew l-approvazzjoni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

Peress illi kull tentattiv ghal ftehim dwar il-firda personali ma wassal imkien l-attur gie awtorizzat jipprocedi quddiem din il-Qorti permezz ta’ digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Ottubru 2000 (Dok. B).

Jghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m’ghadnhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri D u E ahwa B f’idejn l-attur.

3. torna lill-konvenuta thallas lill-attur dik ir-retta alimentari li din il-Qorti jidrilha xieraq bhala manteniment ghaz-zewgt tfal fuq imsemmija.

4. Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt ghall-manteniment.

5. tapplika l-efftti ta’ l-artikoli 48 et seq. tal-Kodici Civili kontra l-konvenuta.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta mil-llum ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi l-allegazzjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti; u li t-tifrik taz-zwieg huwa imputabbli lill-attur;

Rat il-kontro talba tal-konvenuta li biha ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet zzewgu fl-4 ta' Settembru, 1985;

Peress illi minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal u cioe' D u E ta' hdax (11) –il sena u seba (7) snin rispettivament;

Peress illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment stante li l-attur rikonvenzjonat renda ruhu hati ta' swat, sevizzi, ingurji gravi, u mohqrija fil-konfront tal-esponenti;

Peress illi f'kull kaz iz-zwieg tkisser minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

Peress illi l-permezz ta' kuntratt datat l-10 ta' Awissu, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri l-partijiet xoljew il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom u addottaw ir-regim tas-separazzjoni dei beni u dan wara li ottjenew l-approvazzjoni mehtiega skond il-Ligi mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili;

Peress illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali bejniethom permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla datat s-17 ta' Ottubru, 2000;

Jghid ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u b'tort uniku tal-attur rikonvenzjonat;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D u E ta' hdax-il sena u seba snin rispettivament f'idejn C B;

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jhallas lill-konvenuta rikonvenzjonant bhala manteniment ghaliha u ghal minuri D u E, dik ir-retta alimentarja li jidrilha xierqa;

4. Tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat iddekada minn kull dritt ta’ manteniment minghand il-konvenuta rikonvenzjonant;

5. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat l-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-attur rikonvenzjonat, u in partikolari illi l-attur rikonvenzjonat iddekada mid-drittijiet successjorji tieghu fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonant.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonat li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-affidavits tal-partijiet;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Greta Mifsud Agius minnha debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna u tal-kontro talba relattiva, il-partijiet qeghdin jitolbu dikjarazzjoni gudizzjara ta’ separazzjoni personali bejniethom ghar-ragunijiet imputabbli reciprokament lil xulxin; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. L-attur minn naha tieghu qed jibbaza din it-talba tieghu fuq id-dispost ta’ l-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16, filwaqt li t-talba tal-konvenuta rikonvenzjonati hija limitata ghal dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 40 ta’ l-istess Kap.

Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Settembru 1985 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ghal zmien twil u kienu ilhom johorgu flimkien ghal circa hames snin. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal D u E li fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni fil-15 ta' Dicembru 2000 kellhom hdax [11] il-sena u sebgha [7] snin rispettivament.

Illi bi sforz taz-zewg partijiet dawna bdew u bnew negozju attiv u avvjat hafna u li baqa' jespandi b' mod sostanzjali matul il-zmien; bir-rizultat li l-konvenuta kienet tqatta' sighat twal fl-ufficju filwaqt li l-attur kien jitlaq kmieni, ghal xi l-5.00 pm biex ikun mat-tfal. Jidher li, ghalkemm certu decizjonijiet ta' natura straordinarja dwar in-negozju kienu jittiehdu mill-partijiet flimkien, il-gestjoni gjornaljera tan-negozju kien principalment f' idejn konvenuta li adoperat hajja ta' business woman, bl-ghajnuna ta' impjegati. Di fatti wara ftit taz-zmien in-negozju espanda b' tal-mod li l-konvenuta kienet prattikament tmexxi zewg negozji flimkien; liema fatt kien johdilha l-parti l-kbira tal-gurnata. L-attur minn naha tieghu kien jitlaq mix-xoghol fil-hamsa u jmur id-dar biex joqghod mat-tfal. Il-kopja kellhom seftura li kienet tiehu hsieb il-facendi tad-dar.

Illi din l-istil ta' hajja tal-koppja kienet sors ta' inkwiet bejniethom, stante li l-konvenuta kienet thoss li l-piz kollu tan-negozju kien waqa' fuqha, filwaqt li, skond hi, l-attur kien ifarfar mir-responsabbilita' tieghu. Fl-affidavit taghha hija takkuza lill-attur li "kien bniedem passiv u qatt ma refa' r-responsabbilita' ta' ragel mizzewweg."[1] Tghid ukoll li: "Matul il-hajja matrimonjali taghna A halla kollox f'idejja u qatt ma refa' r-responsabbilita' xierqa, la dwar l-aspett finanzjarju tar-relazzjoni taghna u lanqas dwar il-familja nnifisha."[2]

F' Settembru 1998 il-konvenuta kienet informat lill-attur li kienet bi hsieba titlaq mid-dar konjugali, u f' Novembru ta' l-istess sena, wara li kienet siefret il-Germanja ma' certu Mike Metz ta' nazzjonalita' Germaniza li kien partner

[1] Fol.98
[2] Fol.100

taghha fuq ix-xoghol, hija effettivament telqet mid-dar konjugali u marret tikkoabita ma' din il-persuna li sussegwentement gab it-tfal tieghu sabiex joqghodu maghhom. Sadanittant l-attur baqa' jabita fid-dar konjugali flimkein maz-zewg uliedu li taghhom huwa kien inghata l-kura u l-kustodja mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Din is-sitwazzjoni ghadha vigenti sallum.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti wara ezami rett tal-provi hija tal-fehma li l-kawza tat-tifrik taz-zwieg mhijex dovuta ghal xi komportament abbusiv u vjolenti da parti ta' l-attur kif qed issostni l-konvenuta, jew ghal xi nuqqas ta' l-attur li jerfa' r-responsabbilitajiet ta' ragel mizzewweg jew ghax dan ittraskura d-doveri tieghu familjari, izda ir-raguni tinsab fil-fatt li l-konvenuta dahlet b' ruhha u gisimha ghan-negozju li evidentement kien qed jirrendi hafna flus b' mod li l-koppja setghet tghix komoda, u dan a skapitu tad-doveri taghha familjari, kemm fil-konfront ta' l-attur bhala zewgha kif ukoll fil-konfront taz-zewg uliedhom. Kif korrettament sottomess mill-attur, hija poggiet in-negozju qabel il-familja taghha, inkluz it-tfal, bir-rizultat li r-relazzjoni kemm mar-ragel taghha kif ukoll mat-tfal hzienet biz-zmien. Inoltre, il-fatt li ftit taz-zmiwn wara li telqet mid-dar konjugali hija marret tghix fi stat ta' konkubinat ma' ragel iehor u t-tfal tieghu, rrenda t-tifrik taz-zwieg taghhom irrimedjabbli.

***Abbandun***

Illi wiehed mill-fatturi li fuqu l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghi hija l-abbandun mid-dar konjugali da parti tal-konvenuta minghajr raguni valida, fit-termini ta' l-Artikolu 41 tal-Kap.16. Il-konvenuta minn naha taghha ssostni li hija kienet "kostretta" li titlaq mid-dar konjugali minhabba "l-attitudini abbusiva u rresponsabbli" da parti ta' l-attur.[3] Hija tghid li l-attur kien jghajjarha u kien ukoll vjolenti f' xi okkazzjonijiet, u in sostenn ta' dan prezentat certifikat mediku datat 4 ta' Awissu 1999.[4] Barra minnhekk tghid li r-relazzjoni taghhom marret lura meta sentejn qabel l-

[3] Fol.98
[4] Fol.103

abbandun hija saret taf li l-attur kien raqad fl-istess kamra tas-sodda mal-mudella tieghu fil-lukanda fejn kienu qed jalloggjaw meta siefru fuq xoghol.

F’ dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi jinsab assodat fil-gurisprudenza li biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux biss xi att izolat ta’ daqqa waqt xi tilwima, imma l-persistenza f’ certa imgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien *[PA[PS] Mary Muscat vs Anthony Muscat – 28.02.2003]*

Huwa wkoll pacifikament akkolt fil-gurisprudenza nostrana li l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri *[PA Caterina Agius vs Benedict Agius – 13.06.1967]*

Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi, il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f’ certa imgieba hazina u mhux b’ xi atti izolati waqt xi tilwima *[PA[PS] Marthese B vs George B – 8.02.2003]*

Fil-kaz in disamina tirrizulta manifesta l-mankanza ta’ provi sodisfacenti f’ dan ir-rigward. Ghalkemm il-konvenuta ssostni li l-attur kien abbusiv fil-konfront taghha kemm moralmnet, b’ tghajjir, kif ukoll fisikament, bi swat, hija naqset li tressaq provi f’ dan ir-rigward ghajr l-allegazzjoni ta’ zewg incidenti li wiehed minnhom sehh fl-4 ta’ Awissu 1999, u ghalhekk wara li l-konvenuta kienet ilha sitt xhur li telqet mid-dar u kienet qed tikkoabita ma’ ragel iehor; filwaqt li fir-rigward tat-tieni incident ma giex specifikat iz-zmien li fih allegatament sar. Hija lampanti l-mankanza ta’ provi li juri li qabel ma’ l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali hija kienet vittma ta’ vjolenza morali u fisizka da parti ta’ l-attur, u inoltre, li l-abbandun kien dovut, unikament jew parzjalment, ghal dan l-istat ta’ fatt allegat minnha.

[2] Illi rigward l-incident tal-mudella, jgi osservat li dan kien sehh sentejn qabel ma’ l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali, u inoltre, ghalkemm dan il-fatt jimmanifesta

sens qawwi ta' imprudenza da parti ta' l-attur u ghalkemm dan il-fatt jista' jaghti lok ghal suspett ta' adulterju, izda jibqa' l-fatt li ma jirrizultax provat li l-attur kellux relazzjoni intima ma' din il-mudella. Ghaldaqstant t-tesi ta' adulterju fil-konfront ta' l-attur ma tistax treggi ghax hija bazata biss fuq suspett, u xejn aktar. Di fatti l-kawzali ghall-kontro talba tal-konvenuta mhijex bazata fuq id-dispost ta' l-Artikolu 38 tal-Kap.16

[3] Illi rigward l-allegazzjoni tal-konvenuta bhala raguni ta' l-abbandun da parti taghha, li l-attur kien jonqos li jerfa' sehemu mir-responsabbilita' kemm finanzjarja tan-negozju kif ukoll familjarja "bhala ragel mizzewweg"; il-Qorti tirrileva li l-provi juru proprju l-kuntrarju. Jirrizulta sodisfacentement provat li, ghalkemm fl-ewwel sena taz-zwieg l-attur kien disokkupat, dana sussegwentement kien jaghti s-sehem tieghu fin-negozju li l-koppja kienet bniet matul iz-zwieg. Di fatti l-konvenuta titkellem fuq "il-business li bnejna".[5] Jidher pero' li meta beda jespandi n-negozju, u dan bil-kunsens taz-zewg partijiet bdew imexxu zewg negozji flimkien, l-attur kien jitlaq mix-xoghol fil-5.00 pm biex jmur id-dar u joqghod mat-tfal li f' dak iz-zmien kienu ghadhom ta' eta' zghira hafna, filwaqt li l-konvenuta kienet tkompli tahdem sa tard filghaxija.

F'dan il-kwadru l-Qorti ma tharsix lejn l-attur bhala persuna li farfar ir-responsabbilitajiet tieghu finanzjarji u familjari, izda thares lejn minn optika totalment differenti u cioe' bhala missier li kien kapaci jillimita l-hajja lavorativa gjornaliera tieghu sabiex iqatta' ftit tal-hin mat-tfal meta ommhom kienet tkun ghadha fuq ix-xoghol.  F' dan ir-rigward l-attur wera' li kien kapaci jaqdi d-dmirijiet tieghu ta' missier, bil-konsegwenza li t-tfal bdew jingibdu aktar lejh milli lejn ommhom il-konvenuta. Inoltre, hija opportuna l-osservazzjoni illi, kieku il-konvenuta verament u genwinament riedet tqatta' izjed zmien ma' uliedha, hija setghet ma tatx il-kunsens taghha ghall-espansjoni tan-negozju, jew setghet thalli izjed f' idejn l-impjegati, b' mod li t-telf finanzjarju konsegwenzjali ghal din l-azzjoni kien jissarraf fi gwadan familjari ghax kien ikollha izjed zmien

[5] Fol.124

ghal uliedha. Izda l-provi juru li l-konvenuta kienet tpoggi x-xoghol qabel kollox, anke l-familja taghha; u sussegwentment bdiet tpoggi lill-partner taghha wkoll qabel it-tfal kif jirrizulta minn dak li qalu t-tfal lill-Perit Legali.[6]

Ghaldaqstant il-konvenuta ma rnexxielhiex tipprova li hija kienet giet "kostretta" li titlaq mid-dar ghal xi raguni kontemplata fl-Artikolu 40, u inoltre din il-Qorti ma tirravviza ebda raguni valida li tiggustifika l-abbandun taghha mid-dar konjugali f' Novembru 1998 biex marret tikkoabita mal-partner taghha. Ghalhekk l-ewwel talba tal-kontro talba tal-konvenuta ma treggix, filwaqt li l-ewwel talba ta' l-attur treggi kemm in bazi ghal abbandun kif ukoll in bazi ghal adulterju kif ser jigi spjegat.

***Adulterju***

In tema legali jigi osservat li skond gurisprudenza kostanti gie ritenut diversi drabi li minhabba d-diffikulta' tal-prova okulari tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista' jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta' konkubinat.

L-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-seprazzjoni personali; izda stante d-diffikulta' tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b' mod li ma jhallu ebda dubju f' min ghandu jiggudika – izda ma hemmx bzonn ta' testimonjanza de visu *[PA C Spiteri vs Avk.Dr.Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964]*

Fil-kaz in disamina jirrizulta li, wara li l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali f' Novembru 1998, u dana minghajr raguni valida fil-ligi, hija marret tikkoabita ma' l-imsemmi Mike Metz fejn ghadha sallum tghix mieghu, u flimkien ma' uliedu. Jigi osservat li dan l-istat ta' konkubinat necessarjament iwassal konkluzjoni ta'

[6] Fol.173 - 174

adulterju fil-konfront tal-konvenuta. Dan l-istat taghha jikkostitwixxi indizju gravi bizzejjex biex jintegra l-prova ta' l-adulterju.

Illi hija l-konvinzjoni ta' din il-Qorti li dan huwa l-fattur li ssigilla s-separazzjoni bejn il-koppu u wassal ghat-thassir irrevokabbli taz-zwieg bejniethom. Huwa l-abbandun ghal dan l-iskop li rrendiet irrimedjabbli t-tifrik ta' dan iz-zwieg; u ghalhekk l-ewwel talba attrici treggi anke fuq din il-kawzali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li f' dan il-kaz il-provi juru li z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabilment b' mod li l-konvivenza mhijex aktar possibbli, u ghal dan tahti unikament il-konvenuta.

**Kura u Kustodja**

Din tirrigwarda t-tieni talba attrici u t-tieni talba tal-kontro talba. Jigi rilevat li, filwaqt li fiz-zmien tal-prezentata tac-citazzjoni z-zewg minuri kellhom hdax il-sena u seba snin rispettivament; illum bil-mghodija ta' hames snin u nofs, dawn kibru u l-eta' taghhom hija ta' kwazi 17 il-sena u 13 il-sena rispettivament.

Mill-provi jirrizulta li b' digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru 2000 il-kura u kustodja taz-zewg minuri giet fdata lill-attur bi dritt ta' access ghall—konvenuta kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha mill-4.00 pm sat-8.00 pm; u fil-weekend gurnata tas-Sibt jew tal-Hadd bejn 10.00 am sat-8.00 pm, b' mod alternat.

Sallum din ghadha l-posizzjoni, hlief li minnflok il-gurnata tal-Gimgha l-access qed jigi ezercitat il-gurnata tal-Hamis. Ghalhekk jirrizulta li t-tfal minuri illum ilhom ghal zmien twil fil-kura u kustodja effettiva ta' l-attur li kien jiehu hsiebhom kemm qabel ma l-konvenuta abbandunat id-dar f' Novembru 1998 kif ukoll, u izjed u izjed, wara.

Minn dak li l-minuri[7] qalu lill-Perit Legali jirrizulta li dawna "jinsabu kuntenti jghixu ma missierhom". Huma jghidu li m'

---

[7] Fol.173 - 174

ghandhom l-ebda problema li jmorru ghand ommhom illum, pero ma jixtiequx li jorqdu hemm, ghax ma jhossuhomx komdi ma’ Mike Metz il-partner taghha. Huma m’ ghandhomx liberta’ fid-dar ta’ ommhom minhabba l-indhil ta’ din it-terza persuna. Fattur iehor li jdejjaq il-minuri huwa li meta dawn johorgu ma’ ommhom “hafna drabi johrogu mal-hbieb ta’ ommhom u gieli jkun hemm Mike Metz ukoll.”

In vena legali jigi ossevat li l-principji regolaturi fil-materja, huma li l-kura u kustodja tat-tfal ghandha tigi affidata lil dak il-genitur li jkun l-aktar idoneju sabiex jedukahom u jikkurahom, tenut kont ta’ l-eta’ ta’ l-istess tfal u c-cirkostanzi tal-kaz.

Illi apparti l-hsieb ta’ ordni morali u dak ta’ ordni legali, li ghandhom setgha f’ din il-materja, il-principju dominanti huwa dak ta’ <u>l-aktar utilita’</u> u dak ta’ <u>l-aqwa</u> vantagg u interess ta’ l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u de facto li jkunu jirrizultaw mill-provi.

Illi gid tat-tfal ghandhu jinkludi mhux tant il-profitt materjali kemm il-ben essere morali taghhom. L-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevalu fuq l-interessi tal-kontendenti fil-kawza.

L-Art.47, 56, 57 u 61 tal-Kodici Civili huma bazati fuq dawn il-principji. *[PA[PCP] Lourdes Magro vs Carmelo Bonnett deciza 11.12.2003]*

B’ applikazzjoni tal-premess m’ ghandu jkun hemm ebda dubju li l-ahjar interess tat-tfal, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, jirrikjedi li l-posizzjoni vigenti llum ma tigix alterata, u li ghalhekk il-kura u kustodja taghhom ghandha tibqa’ fdata f’ idejn l-attur, izda decizjonijiet ta’ natura straordinarja ta’ sahha u edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg partijiet flimkien, u f’ kaz ta’ nuqqas ta’ qabil f’ dan ir-rigward bl-intervent tal-Qorti.

Illi l-konvenuta ghandha jikollha dritt ta’ access kif fuq spjegat, izda <u>biz-zieda</u> <u>li fl-ebda mument waqt l-access m’</u>

ghandu jkun prezenti Mike Metz jew terza persuna mhux membru tal-familja tal-partijiet. Il-konvenuta ghandha tifhem u ddahhal f' rasha li, jekk ghaliha huwa accettabbli li dina tikkoabita u zzomm relazzjoni ma' terza persuna, m' ghandha ebda dritt li timponi fuq it-tfal minuri taghha l-presenza ta' din il-persuna. Ghalhekk il-hsieb tal-Qorti in materja huwa li jew il-konvenuta tara t-tfal f' ambjent li fih it-tfal ikunu komdi , jew altrimenti jigi sospiz id-dritt ta' l-access. Ghandu jirrizulta car li l-konvenuta ghandha tpoggi lil uliehda qabel kull persuna ohra u qabel kull interessi ohra, inkluzi dawk ta' xoghol. Ghalhekk tenut kont tax-xewqat tal-minuri, dawn m' ghandhomx jorqdu ghand ommhom sakemm din tibqa' tghix fi stat ta' konkubinat.

Inoltre fil-vaganzi skolastici ghandha tizdied gurnata ohra fil-gimgha, b' access ta' erba sighat li ghandha tigi konkordata bejn il-partijiet; fil-father's day u mother's day l-access fil-weekend ghandu jigi aggustat biex fil-jum ta' l-ewwel it-tfal iqattghu l-gurnata ma' missierhom filwaqt li fil-jum l-omm iqattghu l-gurnata ma' ommhom [dejjem minghajr il-prezenza ta' xi habib tal-konvenuta].

Inoltre, meta l-access tal-konvenuta jkun jikkojincidi mal-prayer meetings tal-minuri E, il-konvenuta hija obbligata li tiehu lit-tifla taghha u tigborha mill-post fejn ikunu qed jinzammu, u dana bhala parti mid-doveri taghha ta' genitur.

Rigward il-festi tal-Milied, l-Ewwel tas-sena u l-Ghid, kif ukoll birthdays tat-tfal, il-Qorti theggeg lill-partijiet jikkonkordaw b'mod li z-zewg partijiet ikollhom l-istess opportunita' ta' hin mat-tfal.

In fine huwa opportun li tigi nominata haddiema socjali sabiex taghmel monitoring is-sitwazzjoni tat-tfal biex jigi accertat li dak ordnat mill-Qorti, fl-interess tat-tfal, jigi osservat.

**Manteniment**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li l-manteniment dovut mill-konvenuta lill-attur ghal uliedhom minuri ghandu jibqa' kif fissat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fid-digriet precitat u cioe' fl-ammont ta' Lm100 fix-xahar pagabbli mill-konvenuta lill-attur, liema ammont ghandu jizdied skond r-rata ufficjali ta' l-inflazzjoni u l-gholi tal-hajja. Il-konvenuta hija obbligata wkoll thallas nofs l-ispejjez relatati mas-sahha tal-minuri u ma' l-edukazzjoni, inkluzi dawk tal-uniformijiet, trasport, attivita' extra curriculum, kompjuter u servizz ta' l-internet.

Jigi osservat ukoll li, filwaqt li l-attur ma talabx manteniment ghalih, il-konvenuta talbet manteniment ghal minuri u ghaliha wkoll. In propositu ghal din it-talba tal-konvenuta l-Qorti tirrileva li kemm l-abbanudun ingustifikat kif ukoll l-adulterju li rrizultaw da parti tal-konvenuta jaghmlu mandatorja l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront taghha. Ghaldaqstant il-konvenuta ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment ghaliha minghand il-konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet ta' l-attur huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha, filwaqt li dawk maghmula mill-konvenuta, fil-kontro talba taghha hlief ghat-talba ghas-separazzjoni personali, ghandhom jigu michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:
[1] Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenuta;

[2] Tafda l-kura u kustodja taz-zewgt it-tfal minuri lill-attur, izda decizjonijiet ta' natura straordinarja rigwardanti l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg partijiet flimkien;

Il-konvenuta jkollha dritt ta' access ghal minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-4.00 pm sat-8.00 pm; u fil-weekend gurnata tas-Sibt jew tal-Hadd bejn 10.00 am sat-8.00 pm, b' mod alternat; bil-kondizzjoni li fl-ebda mument

waqt l-access m'ghandu jkun prezenti Mike Metz jew terza persuna mhux membru tal-familja tal-partijiet. Fil-kaz ta' l-inosservanza ta din il-kondizzjoni d-dritt ta' l-access tal-konvenuta jigi sospiz.

Inoltre fil-vaganzi skolastici ghandha tizdied gurnata ohra fil-gimgha, b'access ta' erba sighat li ghandha tigi konkordata bejn il-partijiet;  fil-father's day u mother's day l-access fil-weekend ghandu jigi aggustat biex fil-jum ta l-ewwel it-tfal iqattghu l-gurnata ma' missierhom filwaqt li fil-jum l-omm iqattghu l-gurnata ma' ommhom [dejjem minghajr il-prezenza ta' xi habib tal-konvenuta].

Inoltre, meta l-access tal-konvenuta jkun jikkojincidi mal-prayer meetings tal-minuri E, il-konvenuta hija obbligata li tiehu lit-tifla taghha u tigborha mill-post fejn ikunu qed jinzammu dawn il-laqghat, u dana bhala parti mid-doveri taghha ta' genitur.

Rigward il-festi tal-Milied, l-Ewwel tas-sena u l-Ghid, kif ukoll birthdays tat-tfal, il-Qorti theggeg lill-partijiet jikkonkordaw b'mod li z-zewg partijiet ikollhom l-istess opportunita' ta' hin mat-tfal.

In fine tinnomina lil haddiema socjali Therese Micallef, a spejjez tal-konvenuta, sabiex dina taghmel monitoring tas-sitwazzjoni tat-tfal biex jigi accertat li dak ordnat mill-Qorti, fl-interess tat-tfal, jigi skrupolozament osservat.

[3] Tordna lill-konvenuta thallas lill-attur retta alimentarja mensili ta' mitt lira Maltin [Lm100] bhala manteniment ghaz-zewg ulied minuri, liema rata tizdied skond l-indici ufficjali ta' l-gholi tal-hajja. Il-konvenuta hija obbligata wkoll thallas nofs l-ispejjez relatati mas-sahha tal-minuri u ma' l-edukazzjoni, inkluzi dawk tal-uniformijiet, trasport, attivita' extra curriculum, kompjuter u servizz ta' l-internet.

[4] Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ghall-manteniment;

[5] Tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti ta’ l-Artikolu 48 tal-Kap.16;

[6] Filwaqt li tilqa’ l-ewwel talba tal-kontro talba tal-konvenuta limitatament ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali, tichad il-kumplament tat-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

L-ispejjez kollha, kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro talba, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

Tordna li a kariku tar-Registratur tal-Qorti din is-sentenza tigi notifikata lill-imsemmija haddiema socjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------